# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX) INFERJURI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Avviż Numru: 16/2016 PC

### Carmelo sive Charlie Galea

### vs

### Anthony Xerri

**Illum l-Erbgħa, 21 ta' Novembru 2018**

Il-Qorti,

Rat l-Avviż li permezz tiegħu l-attur talab lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhux jiġi kkundannat li jirritorna lill-attur il-vettura Toyota Rav 4 bin-numru tar-reġistrazzjoni IBP 937 mibjugħa mill-attur lill-konvenut permezz ta' kuntratt *a hire purchase* datat sitta (6) ta' Settembru 2013, li kopja tiegħu tinsab hawn annessa u mmarkata Dok. A, u dana stante li l-attur qiegħed jeżerċita d-dritt ta' azzjoni tiegħu li jieħu lura l-vettura taħt il-klawsola numru ħamsa (5) ta' l-istess ftehim stante li l-konvenut naqas li jottempra ruħu mat-termini ta' pagamenti ai termini tal-istess kuntratt, u dana kollu f'terminu qasir u perentorju li jiġi prefiss.

Għal fini ta' kompetenza jiġi dikjarat li l-ammont involut ma jeċċedic is-somma ta' sitt elef u ħames mitt ewro (€6500).

Rat ir-Risposta tal-konvenut li eċċpixxa:

1. Illi fl-ewwel lok din l-kawża hija totalment frivola u vessatorja u saret biss bl-intiża ċara da parti tal-attur li jinqeda bil-proċeduri ġudizzjarji sabiex jipprova jivvessa u jagħmel ħsara lill-konvenut;

2. Illi fit-tieni lok, il-ftehim ta' bejn il-partijiet fuq l-imsemmija vettura diġa kien suġġett ta' kawża quddiem it-Tribunali għal Talbiet Żgħar u wkoll tal-Qorti tal-Appell u għalhekk jirriżulta ċar li dan huwa każ ċar ta' *res judicata*;

3. Illi fit-tielet lok u dan mingħajr preġudizzju, l-attur kellu għażla fuq l-iskrittura ta' bejnu u tal-konvenut u ċioe' li jew jitlob il-bilanċ jew jieħu lura l-vettura. Illi permezz tal-imsemmija kawża huwa diġa eżerċita l-ewwel għażla u di fatti tilef parti mill-kawża stante li rriżulta li l-vettura kellha bżonn tiswijiet li saru a spejjes tiegħu stess. Illi għalhekk l-attur qed jagħmel din il-kawża peress li s-sentenza tat-Tribunal għal Tabliet Żgħar kif kkonfermata mill-Qorti tal-Appell ma għoġbitux u issa qed jipprova jinqeda b'din l-Onorabbli Qorti biex jerġa jiftaħ kwistjoni altrimenti magħluqa;

4. Illi fir-raba lok u dan dejjem mingħajr preġudizzju bħala stat ta' fatt irriżulta li l-vettura mibjugħa ma kenitx tal-kwalita' pattwita u l-konvenut diġa ħallas kemm lill-*mechanic* u anke lill-istess attur hekk kif ordnat mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar u kkonfermat mill-Qorti tal-Appell;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni tal-istess rikorrenti.

Rat id-digriet tagħha tat-22 ta' Novembu 2016 fejn laqgħet it-talba tal-konvenut għall-allegazzjoni tal-atti tal-kawża quddiem it-Tribunal tat-Talbiet Żgħar deċiża fis-16 ta' Settembru 2015 u konfermata fl-Appell fit-8 ta' Lulju 2016.

Rat is-sentnza preliminari tagħha tal-25 ta' Mejjju 2017 dwar l-eċċezzjoni tar-*res judicata.*

Rat il-verbal tal-udjenza tal-21 ta' Ġunju 2018 fejn ħalliet il-kawża għall-lum għas-sentenza.

Rat in-Noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

Ikkunsidrat:

Il permezz ta' din il-kawża l-attur qed jitlob li l-konvenut jiġi ordnat jirritorna vettura li huwa xtara mingħandu permezz ta' kuntratt ta' *hire purchase,* billi allegatament ma ħallsux l-ammont kollu dovut. Il-konvenut eċċepixxa preliminarjament ir-*res judicata.* Din l-eċċezzjoni ġiet miċħuda permezz tas-sentenza tal-25 ta' Mejju 2017. Permezz tat-tielet eċċezzjoni tiegħu l-konvenut jissottometti, mbagħad, li l-attur, wara li kien ġia għamillu kawża biex iħallsu l-bilanċ dovut fuq il-bejgħ ta' karozza li xtara mingħandu, ma jistax issa jitlob ukoll li din il-karozza tiġi ritornta lilu għax ma tħallasx dak il-bilanċ.

Ġara li l-konvenut kien xtara karozza mingħand l-attur permezz ta' kuntratt ta' *hire purchase.*[1] Wara li ħallas parti mill-prezz dakinhar stess tal-kuntratt, il-konvenut

[1] Ara kopja esebita a fol. 5 tal-proċess tal-kawża nru. 15/2014 quddiem it-Tribunal Għal Talbiet Żgħar

sussegwentement ħallas pagament iehor akkont, imma kien baqa' bilanċ ta' €2574.97ċ, li l-konvenut irrifjuta li jsalda qabel ma tiġi solvuta l-kwistjoni dwar spejjeż li kellu jagħmel biex tissewwa ħsara f'din il-karozza, li l-attur ma kienx qallu bihom meta begħhielu.

F'dak il-kuntratt kien ġie stipulat li:

"*F'kaz li x-Xerrej jonqos li jhallas zewg pagamenti mensili jew ammont ekwivalenti, is-Sid ikollu d-dritt*

(a) *Jew li jitlob kull bilanc li jkun ghadu dovut mix-Xerrej li jsir dovut immedjatament;*

(b) *Jew li jiehu lura l-vettura minghand ix-Xerrej u ma jirrestitwixxi ebda ammont imhallas lilu mix-Xerrej.*"[2]

Permezz tal-kawża msemmija quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar, hekk kif il-konvenut kien waqa' moruż fil-pagamenti, l-attur talab il-ħlas tal-bilanċ dovut biex b'hekk ġie li għażel li jwetteq l-ewwel opzzjoni. Bis-sentenza tat-Tribunal, kif konfermata fl-Appell, il-konvenut ġie kundannat iħallas il-bilanċ dovut, nieqes l-ispejjeż li kellu jagħmel biex isewwi l-vettura mibjugħa lilu mill-attur.[3] L-attur pero' rrifjuta li jaċċetta dan il-bilanċ, kif hekk imnaqqas, u l-konvenut, biex jeżimi ruħu mir-responsabilita' spiċċa biex ddepożita dan il-bilanċ taħt l-awtorita' tal-Qorti.

Bit-tielet eċċezzjoni tiegħu fil-kawża presenti, l-konvenut qed jargumenta li l-attur issa ma kellu ebda dritt li jdur għat-tieni opzzjoni li kellu fil-kuntratt ta' *hire purchase* u jfittex ukoll li jingħata lura l-karozza mibjugħa, u dan a bażi tal-prinċipj li: "***electa una via non datur recursus ad alteram***."

Kif jingħad fis-sentenza riportata a Vol XLIII pI p55, "*il-principju tal-"Electa una via" li mhux miktub f'termini generali u pozittivi f'ebda ligi, sew antika sew gdida, gie mill-interpreti tad-Dritt Ruman affermat bhala konsegwenza ta' hafna testi partikulari, li kienu assumewh bhala regola ta' dak li kien gie dispost minnhom. Skond dawn l-istess testi differenti, dawk li nterpretaw l-istess Dritt Ruman holqu l-principju li fil-konkors alternattiv ta' hafna azzjonijiet, l-ezercizzju ta' wahda minnhom tolqot u testingwi l-azzjonijiet l-ohra.*"[4]

Is-sentenza li minnha hija meħuda din il-kwotazzjoni, tkompli telabora li:

"*… d-dottrina u l-gurisprudenza huma wkoll konkordi li ma hemmx lok aktar ghal din ix-xelta, ossia ozzjoni, tal-kontraent, jekk fuq l-azzjoni l-ewwel maghzula jkun intervjena gudikat favorevoli ghalih bejnu u l-kontrent l-iehor; ghax allura jidhol l-element tal-pregudizzju tal-kontraent l-iehor, in kwantu li dan jitlef il-posizzjoni stabbilita bil-gudikat … L-opzzjoni ghalhekk hemm lok ghaliha*

---

[2] Ara klawsola 5 tal-kuntratt; ibid.

[3] Ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri tat-8.07.2016 a fol. 106 -109 tal-process ta' dik il-kawża

[4] App.Inf. Tereza Farrugia et. v. Giuseppe Camilleri et. : 10.03.2004; ara wkoll: P.A. Busietta Adrian Pro Et Noe Vs Gatt Philip O Pro Et Noe, 28.10.2003;

*waqt li l-kawża tal-ewwel tkun għadha miexja, imma mhux wara li tkun giet maqtugħa b'sentenza li għaddiet in gudikat…*"[5]

Fil-każ in eżami nsibu li l-attur, għax ma kienx sodisfatt bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell msemmija, fetaħ il-kawża presenti f'tentattivi li issa jieħu lura l-karozza minflok il-bilanċ dovut kif stabilit f'dik is-sentenza. Dan pero', a bażi tal-prinċipji hawn ċitati ma setgħax jagħmlu ġialdarba dik is-sentenza kienet għaddiet in ġudikat. Wara kollox anke l-istess kuntratt ta' *hire purchase* iffirmat mill-kontendenti, kien jistabilixxi b'mod inekwivoku ż-żewġ opzzjonijiet bħala alternattivi u mhux kumplementari għal xulxin, u dana bl-użu tal-kelma "*jew*" f'kull opzzjoni.

Għal dawn il-motivi, billi tikkonsidra t-tielet eċċzzjoni tal-konvenut bħala waħda ġustifikata, tilqa' l-istess eċċezzjoni u tiċħad it-talba attriċi, bl-ispejjeż, sew tas-sentenza preliminari tal-25 ta' Mejju 2017 u dik presenti, jkunu, fiċ-ċirkostanzi, kontra l-attur.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

21.11.2018 – Avv16.2016 – Galea Carmelo sive Charlie vs Xerri Anthony
1111

[5] App. Civ. Emmanuel Scicuna v Avukat Dr. Spiridione Camilleri noe., 19.01.1959 (Kollez. vol. XLIII.i.55)